# SAN BARTILMEW U R-RELIĠJON NISRANIJA.

## (Silta mill-Paneġierku ta' Mons Luigi Catenia - 1923)

Meta nara quddiem għajnejja lil Bartilmew kollu dmija, mimli bil-kuraġġ quddiem ħruxija li twerwer, jien insellimlek o Reliġjon nisranija!

Int il-veru dawl, int il-bidu u t-tmiem ta' kull progress. L-għedewwa tar-reliġjon jgħidu li jridu jġibu d-dawl u jkeċċu d-dlamijiet. Iżda dawn, ħuti għeżież, bħal dak li jitlef is-sensi, jibdlu d-dawl ta' Alla mad-dlam. Ħossu, iva, ħniena minnhom għax m'għandhomx għajnejn biex jaraw id-dawl.



Id-dawl tagħna nafu x'inhu: hu r-reliġjon. Ir-reliġjon li għaliha miet Bartolomeo. Ir-reliġjon li aħna ħadna minn għand missirijietna. Dan huwa d-dawl veru, ħuti: ir-reliġjon nisranija bil-virtuijiet kollha tagħha. dan id-dawl hija l-Knisja ta' Ġesù Kristu bil-kmandamenti tagħha. Dan id-dawl hu bħal raġġ minn għand Alla li tahulna Gesu meta ġie fid-dinja.

Għal dan id-dawl u għal din ir-reliġjon miet Bartilmew. Dan id-dawl ħelu jiftaħ menti u jqanqal il-qlub biex jiżra l-imħabba ta' xulxin u jkeċċi l-mibgħeda. Dan hu d-dawl li dejjem idawwal id-dinja u li qatt ma jispiċċa.

Din ir-reliġjon tirbaħ pajjiżi: mhux le, bil-forza ta' l-armi, bit-tixrid tad-demm jew bil-qawwa tal-flus. Imma tirbaħ b'forza waħda: bilforza tal-verita'!

Bartilmew iddedika ħajtu kollha għal din ir-reliġjon ta' Kristu. Ħadem fost diffikultajiet kbar. Sofra martirju aħrax. Ħalla ħajtu għal din ir-reliġjon u aħna, jekk tassew inħobbuh lil San Bartilmew, jeħtieġ li nimitawh billi r-reliġjon inħobbuha b'qalbna kollha.

**QATT TAQTA' QALBEK**

**TINSIEX**

**ALLA.. JĦOBBOK - KURAĠĠ**